## "Agħmlu Kulma Jgħidilkom Hu"

### It-Tieni Ħadd ta' Matul is-Sena

***Daħla:*** F'dan it-Tieni Ħadd ta' Matul is-Sena, il-Kelma t'Alla turina sa fejn trid twassal il-fidi tagħna fil-ħniena ta' Alla li jipprovdi. Il-Madonna tgħallmet bl-esperjenza ta' ħajjitha kemm jaqbel li temmen kulma jgħidlek il-Mulej. Allura meta fit-tieġ ta' Kana naqas l-inbid, hi kienet taf x'għandha tagħmel. Qalet lill-qaddejja u qed tgħid lilna llum biex nagħmlu kulma jgħidilna Ġesù biex narawh jagħmel l-għeġubijiet f'ħajjitna. Nibdew niċċelebraw billi nkantaw ...

***L-Ewwel Qari:*** Alla tagħna jitgħaxxaq bina. Jaf it-tbatijiet tagħna u ġie jżurna biex jibnina f'poplu b'saħħtu u mimli faraġ.

***Responsorju tas-Salm:*** **Xandru fost il-popli kollha**
**l-għeġubijiet tal-Mulej.**

***It-Tieni Qari:*** L-Ispirtu s-Santu jqassam il-kariżmi tiegħu lilna lkoll biex ilkoll nipparteċipaw fil-bini tal-qdusija tal-Knisja.

***Offertorju:*** *(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Nagħrfu d-doni li l-Mulej ta lilna u noffruhom b'ġenerożità lilu u lill-Knisja tiegħu. Inkantaw flimkien.…

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
"Bħalma l-għarus jitgħaxxaq b'għarustu, hekk jitgħaxxaq bik Alla tiegħek". Hekk tgħid il-profezija. U l-ikbar prova ta' din l-imħabba ta' Alla għalina hi t-Tqarbina. Inkantaw flimkien.…

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
"Agħmlu kulma jgħidilkom hu" qaltilna Marija llum. L-aqwa ringrazzjament tagħna hu l-ubbidjenza lejn ir-rieda ta' Alla għalina. Bi gratitudni kbira ngħidu (jew inkantaw) ...

***Kant tal-Għeluq...***